## 8 ta' Jannar, 1955

## Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* Kelinu Mifsud

### Korruzzjoni tal-Minorenni — Attentat Vjolenti għall-Pudur Post Publiku — Kwerela — Rinunzja — Piena — Art. 217 u 222 tal-Kodiċi Kriminali.

*Il-kriterju differenzjali senjat mill-liġi bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent għall-pudur huwa negattiv, u hu dan: jekk fil-fatt addebitat lill-imputat jikkonkorru r-rekwiżiti tal-korruzzjoni ta' minorenni, hemm dan id-delitt; jekk le, hemm attentat vjolent għall-pudur. U jista' jkun hemm attentat vjolent għall-pudur anki ta' minorenni.*

*Jekk l-azzjoni tas-suġġett attiv tkun oltraġġjat il-pudur tas-suġġett passiv, dan hu biżżejjed, kien x'kien il-motiv li spinġa s-suġġett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuż.*

*Għalhekk, meta l-Qorti tkun persważa li l-fattijiet tal-każ in ispeċje jinkwadraw ruħhom fl-ipotesi tal-liġi relattiva għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, jiġifieri l-età minuri tal-vittima, l-element materjali ta' l-attijiet ta' libidini, u l-element intenzjonali, ċjoè r-rieda tal-ħati li jagħmel dawk l-attijiet li hu jaf li huma libidinużi bħala intiżi għas-sodisfazzjon sesswali, hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni.*

*Meta l-atti ta' korruzzjoni ta' minuri jsiru f'post publiku jew aċċessibbli għall-publiku, hemm l-element tal-publiċità li jirrendi inoperattiva r-rinunzja għall-kwerela.*

*Imma, għall-finijiet tal-piena, huwa ekwu li jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ, bħal ma huma l-grad ta' gravità ta' l-atti ta' libidini, il-fatt li l-potenzjalità tal-publiċità tal-post ma tkunx markata, u l-fatt li jkun hemm rinunzja għall-kwerela.*

*Jekk il-grad ta' gravità ta' l-atti libidinużi ma jkunx markat għax is-suġġett attiv ma kellux inkoraġġiment mis-suġġett passiv, il-grad jibqa' l-istess; għax dak hu, u mhux aktar.*

Il-Qorti; — Rat ir-rinviju tal-Attorney General, li bih dak l-uffiċjal bagħat l-attijiet tal-kumpilazzjoni lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, billi deherlu li tista' tinstab ħtija kontra l-imputat taħt dak li hemm kontemplat fl-art. 217 (1) (3) (h), 20 u 32 (1) (b) (viii) (vii) (vi) tal-Kodiċi Kriminali, u fil-Government Notice no. 337 tal-1940, għar-rigward ta' kull wieħed mill-minuri Vincent Galea, John Tanti, Joseph Mifsud u John Tonna;

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti, tal-ewwel ta' Ottubru, 1954, li biha sabet lill-imputat ħati talli, b'atti ta'libidini, ikkorrompa lil Vincent Galea, persuna taħt l-età; talli fi żmienijiet differenti, per mezz ta' azzjonijiet diversi magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'atti ta' libidini, ikkorrompa lil John Tanti, persuna taħt l-età; talli fi żmienijiet differenti, per mezz ta' azzjonijiet diversi magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'atti ta' libidini, ikkorrompa lill Joseph Mifsud, persuna taħt l-età; u talli fi żmienijiet differenti, permezz ta' azzjonijiet diversi magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'atti ta' libidini, ikkorrompa lil John Tonna, persuna taħt l-età; u kkundannatu għall-piena ta' lavuri furzati għal żmien tmientax il-xahar;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi meħlus mill-imputazzjoni u piena;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-aggravju dedott mill-appellant huwa tripliċi: (1) illi r-reat ma kienx dak ta' korruzzjoni ta' minorenni, iżda dak ta' attentat vjolent għall-pudur; (2) illi kien hemm ri-

nunzja operattiva, għax il-post ma kienx publiku jew espost għall-publiku; (3) u eċċessività tal-piena;

Dwar l-ewwel gravam;

Ir-reat dedott, li tiegħu l-Qorti ta' l-Ewwel Grad sabet l-imputat ħati, hu dak ta' korruzzjoni ta' minorenni kontemplat fl-art. 217 Kap. 12. Ir-reat li skond id-difiża hu dak li tiegħu l-appellant, se maj, kien imissu instab ħati, hu dak ta' attentat vjolent għall-pudur imsemmi fl-art. 222 ta' l-istess Kodiċi;

Dan l-artikolu ta' l-aħħar jgħid hekk:— "Kull min jinstab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur li fiħ innifsu ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti, ikkunsmat jew tentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subtitolu........";

Fost l-artikoli ta' qabel hemm l-art. 217 dwar korruzzjoni ta' minorenni;

Mela, il-kriterju differenzjali senjat mill-liġi hu negattiv. Jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat lill-imputat ir-rekwiżiti tal-korruzzjoni ta' minorenni, hemm dan id-delitt; jekk le, hemm l-attentat vjolent għall-pudur;

Jista' jkun hemm attentat għall-pudur ta' minorenni, kif wieħed jista' faċilment jiddeżumi mill-proviso ta' l-art. 222 u r-riferenza li hemm fiħ għall-art. 216, li jikkomprendi fl-inċiż (g) aggravament fil-każ ta' tfal li ma jkunux għalqu d-disgħa snin;

L-artikolu dwar l-attentat vjolent għall-pudur kien meħtieġ, għax, jekk l-azzjoni tas-suġġett attiv tkun oltraġġjat il-pudur tas-suġġett passiv, dan hu biżżejjed, kien x'kien il-motiv li spinġa s-suġġett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuż, imma, per eżempju, kien vendetta. Hekk kien il-każ "Rex vs. Carmelo Delia", 2 ta' Diċembru 1901, fejn is-suġġett attiv iddiporta ruħu diżonestament ma' mara, iżda għall-fini ta' vendetta; u l-Qorti qalet — "Atteso che, secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell'oltraggio violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversità della causa che abbia spinto ad agire, semprecchè l'azione abbia

prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui";

L-istess jgħid l-Arabia (Principi del Diritto Penale, p. 344), fejn b'riferenza għall-għemil tas-suġġett attiv f'reat simili, jindikaħ bħala "ogni via di fatto, ogni atto che offende il pudore. Non sono questi atti quelli di libidine, perchè non han per fine assoluto lo sfogo libidinoso. Possono essere fatti anche per ingiuria o vendetta";

Mentri fir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jeħtieġ assolutament li jkun hemm attijiet ta' libidini veri u proprji, cjoe' diretti għas-sodisfazzjon sesswali, u mhux għal skop ieħor;

Għandu jiġi wkoll osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appuntu minħabba mhux biss il-kliem "atti ta' libidini", imma anki stante l-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l-opera perikoluża tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni • tal-Proġett tal-Kodiċi Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), għandha tiġi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore";

Għalhekk, kull meta l-Qorti tkun perswaza li l-fattijiet tal-każ in ispeċje jinkwadraw ruħhom fl-ipotesi tal-liġi relattiva għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, ċjoè kull meta jkun hemm (1) l-età minuri tal-vittima, (2) l-element materjali tal-attijiet ta' libidini, ċjoe' attijiet intiżi għas-sodisfazzjon sesswali, u li fihom innfishom ikollhom l-attitudini li jokkorrompu, u (3) l-element intenzjonali, ċjoe' ir-rieda tal-ħati li jagħmel dawk l-attijiet, li hu jaf li huma libidinużi fis-sens premess, allura hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, appuntu in forza tal-kriterju negattiv fuq imsemmi, u skond il-prinċipji fuq esposti;

Issa, fil-każ preżenti, il-Qorti hi persważa li l-attijiet ma kienux xi attijiet fugaċi sempliċement leżivi tal-pudur, imma kienu attijiet ta' libidini diretti għas-sodisfazzjon sesswali, b'attitudini intrinseka korrompitriċi, u li fihom kienu jirrakkjudu l-opera perikoluża tas-seduzzjoni. Anzi, minn ċertu kliem li jirriżulta li l-imputat kien jgħid lis-suġġetti passivi jidher li l-fattijiet minnu kommessi kienu, fl-intendiment tiegħu, dawk li, bi frażi klassika, jissejħu "prelu-

dia" tal-kopula, sija pure pederastika. Dawk il-kliem tiegħu, *għalkemm ma humiex element tal-korruzzjoni*, għax il-korruzzjoni ma tistax tavvera ruħha "mero sermone", jillumeġġjaw però in-natura tal-attijiet tiegħu bħala attijiet ta' libidini fis-sens premess, fil-kwadru tal-korruzzjoni; għalkemm anki bla dawk il-kliem hu ċar li ma kienx hemm affattu *atti fugaċi leżivi* tal-pudur;

Dwar it-tieni gravam;

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti, li kien hemm l-*element* tal-*publiċità* li jirrendi inoperattiva r-rinunzja għall-kwerela fil-każ tal-minorenni Zahra, Mifsud *u Tonna*;

*Kwantu għall-piena;*

Fil-qies tal-piena, jkun forsi ħaġa ekwa li jiġu meħuda in konsiderazzjoni ċerti ċirkustanzi. Il-grad tal-attijiet *ta' libidini* kommessi mill-imputat, bħala gravità, ma kienx markat. Dan kien, probabbilment, għax ma kellux inkoraġġiment mis-suġġetti passivi; imma l-grad dak hu, u mhux aktar. Kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, il-fatt tal-lok publiku impedixxa l-effett tar-rinunzja; iżda, dejjem limitatament *għall-finijiet* tal-piena, jibqa' fatt li fi tlieta mill-erbgħa każijiet il-privat ma riedx sodisfazzjon. Anki kwantu għall-publiċità tal-lok, dan kien publiku għax kien potenzjalment tali; imma l-grad ta' din il-potenzjalità ma kienx qawwi. Kwantu għall-kontinwità, l-awment tal-piena hu fa*koltattiv, u ċ-ċirkustanzi* tal-kontinwità, anki meta din legalment teżisti, jistgħu jkunu differenti f'każ wieħed u ieħor. Fil-piena ma hemmx *minimum*;

Kollox ma' kollox, il-Qorti jidhrilha li hemm lok għal diminuzzjoni tal-piena;

*Għalhekk* tiddeċidi billi fil-meritu tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata. Kwantu għall-piena, tirriduċiha għal żmien disgħa xhur.

---